MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Numru 19/2012

**Seduta ta' nhar-it Tnejn 15 ta' Lulju 2013**

**Att ta' Akkuża**
**Nru. 19/2012**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**v.**

**Jason Mamo**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell minn deċiżjoni tal-Qorti Kriminali mogħtija minn dik il-Qorti fil-5 ta' Diċembru 2012 dwar l-eċċezzjonijiet preliminari ta' l-akkużat. L-akkużat appella minn dik is-sentenza b'rikors intavolat fis-7 ta' Diċembru 2012.

**2.** Jason Mamo kien akkużat, permezz ta' Att ta' Akkuża pprezentat mill-Avukat Generali fit-18 ta' Lulju 2012 (nru 19/2012) li: (1) f'Ottubru tas-sena 2006 u fix-xhur ta' qabel, f'diversi postijiet Malta, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bi vjolenża, ikkometta stupru aggravat fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, b'dan li d-delitt ġie kommess minn axxendent naturali u cioe' l-akkużat kontra bintu u li l-persuna li fuqha sar l-istupru ma kinitx għalqet l-eta` ta' disa' snin; (2) f'Ottubru tas-sena 2006 u fix-xhur ta' qabel, f'diversi postijiet Malta, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil bintu kontra l-volonta' tagħha, jew ta l-post biex fiħ bintu tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata b'dan li d-delitt sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna, kif ukoll liema delitt sar fuq bint l-akkużat ai termini tal-artikolu 202(h)(iii); (3) f'Ottubru tas-sena 2006 u fix-xhur ta' qabel, f'diversi postijiet Malta, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'egħmil żieni, kkorrompa persuna ta' taħt l-eta`, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, b'dan illi d-delitt sar bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-eta` ta' tnax il-sena inkella bi vjolenza u ġie kommess minn axxendent mid-demm u ċioe' mill-akkużat kontra bintu Takoda Mamo; (4) b'egħmil żieni, ikkorrompa persuna ta' taħt l-eta`, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, b'dan illi d-delitt sar bi

ħsara ta’ persuna li ma għalqitx l-eta’ ta’ tnax il-sena inkella bi vjolenża u meta l-minuri (Rowena Dalli) kienet imqar għal xi żmien, fdata lill-akkużat sabiex jieħu ħsiebha, jedukaha, jgħallimha, jindukraha jew iżommha;

**3.** Fir-rikors ta’ appell tiegħu l-appellant talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa’ ż-żewġ eċċezzjonijiet tiegħu.

**4.** Permezz tan-nota ta’ eċċezzjonijiet tieghu tas-27 ta’ Lulju 2012, Jason Mamo eċċepixxa:

“1. Fl-ewwel lok illi t-tieni kap tal-akkuza stante l-ewwel kap mhuwiex konfigurabbli peress li l-elementi tat-tieni reat huma diġa` naturalment espressi fl-ewwel kap ta’ l-akkuża u ghal liema tieni kap hemm l-intenzjoni speċifika tal-arrest illegali illi huwa negat minn dak li jingħad fl-ewwel kap.

“2. Illi r-raba’ kap ta’ l-akkuża ma jistax jikkonfigura stante illi l-persuna allegatament korrotta jingħad li kellha tliet snin meta minuri m’għandhiex il-kapaċita` *di intendere* jew *di volere* u konsegwentement ma setax jikkonfigura r-reat peress illi anke kieku ġraw l-istess fatti, dawn bl-ebda mod ma setgħu jħallu impressjoni fuq l-istess minuri.”

**5.** Fis-sentenza taghha dwar dawn l-eċċezzjonijiet, l-ewwel Qorti qalet hekk:

**“B’referenza ta’ l-ewwel eccezzjoni l-avukat difensur spjega illi l-elementi tat-tieni kap jinkorporaw l-ewwel kap ukoll u ghalhekk hemm il-possibilta` ta’ *double jeopardy* jekk l-akkuzat jinstab hati taz-zewg kapi. Argumenta illi l-Avukat Generali ha parti mill-elementi ta’ l-ewwel kap u minnhom hareg it-tieni kap bl-istess elementi, b’dana illi t-tieni kap jinkorpora lill-ewwel kap. Argumenta wkoll jekk dawn iz-zewg kapi huma alternattivi ma hemmx problema imma ma jistghux jissussistu flimkien.**

**“Ikkunsidrat:**

**“Din il-Qorti ma taqbel xejn ma dan l-argument. L-ewwel zewg kapi jkopru zewg reati differenti. L-ewwel kap dak ta’ stupru u t-tieni dak ta’ sekwestru llegali. Fl-ewwel kap ma hemm l-ebda referenza ghal sekwestru u fit-tieni kap ma hemm l-ebda referenza ghall-istupru. Ic-cirkostanzi biss huma l-istess pero` r-reati huma differenti. Il-Qorti pero’ tirrileva li ghal dak li jirrigwarda l-piena jekk l-akkuzat jinstab hati ta’ l-ewwel kap u t-tieni kap, allura t-tieni kap jigi kompriz u nvolut f’ta’ l-ewwel. Imma sa dak l-istadju l-Qorti tordna illi z-zewg kapi ghandhom jithallew flimkien sabiex jitressqu ghal gudizzju tal-gurati meta jkun il-waqt skond il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni. Il-Qorti ghalhekk tichad l-ewwel eccezzjoni ta’ l-akkuzat.**

**“Fit-tieni eccezzjoni tieghu l-akkuzat qieghed jilmenta illi r-raba’ kap ta’ l-akkuza ma jistax jikkonfigura stante illi l-persuna allegatament korrotta jinghad li kellha tliet snin u m’ghandiex il-kapacita “di intendere” jew “di volere” u konsegwentament ma setghax jikkonfigura r-reat peress anki kieku graw, dawn bl-ebda mod ma jistghu jhallu mpressjoni fuq il-minuri peress li din ma setghetx tirrejalizza dak illi qed isir quddiemha. Quindi ma setghetx tkun korrotta u b’hekk hemm element intrinsiku nieqes ghal dan ir-reat.**

**“L-ufficjal prosekutur irrisponda illi l-intenzjoni li jikkorrompi trid tirrizulta fl-agent u mhux fuq il-vittma. Jekk l-agent kellu f’mohhu dan l-abbuz allura r-reat jissustissi u l-Ligi tipprotegi l-minuri.**

**“Ikkunsidrat.**

**“L-Artiklu 203(1) tal-Kap 9 jiccensura kull min b’ghemil zieni, jikkorrompi persuni ta’ taht l-eta`, tas-sess il-wiehed jew l-iehor, b’aggravju specifiku jekk id-delitt isir bi hsara ta’ persuna li ma ghalqitx l-eta` ta’ tnax-il sena, inkella bi vjolenza u wkoll jekk isir minn persuna li lilu mqar ghal xi zmien ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jghallmu, jindukrah jew izommu. L-ewwel element tar-reat huwa**

**precizament l-eta` tal-vittma illi trid tkun inqas minn tmintax-il sena minghajr limitu ta' l-eta` zghira kemm hi zghira. Fil-fatt l-Artiklu taghna gie mehud kwazi kelma b'kelma mill-Artiklu 335 tal-Kodici Taljan ta' l-1889 li tieghu l-Awtur Luigi Maino jikkummenta fit-trattat tieghu *commento al codice penale Italiano*, fejn jghid "*tutta via – poiche, come tosto vedremo, il reato di corruzione puo` commettersi tanto atti compiuti <u>sulla persona</u>, quanto con atti compiuti alla presenza del minore – occorre, nei riguardi dell'eta`, distinguere fra gli uni e gli altri, per coordinare l'Articolo 335 con l'Articolo 333. E' cioe` gli atti commessi <u>in presenza</u> costituiscono sempre il delito di cui all'Articolo 335, qualunque sia l'eta` della vittima, purche` inferiore agli anni sedici . . .*" (Volume 3 para 1474 page 187).**

**"Ghalhekk dan l-element jissussisti jekk dawn l-atti b'ghemil zieni jsiru fil-prezenza tal-minuri ta' kwalunkwe eta` taht it-tmintax-il sena. It-tieni element ta' dan ir-reat huwa dak materjali u cioe` l-ghemil zieni. Bhal ma ga` inghad ghall-ewwel element, dan l-ghemil zieni jista' jkun kommess jew fuq il-persuna tal-minuri jew anki sempliciment fil-prezenza tieghu. Dana 'l ghaliex il-Ligi trid tipprotegi l-minuri minn korruzzjoni li allura jinkludu dawk l-atti fejn allavolja ma jsirux minghajr kuntatt fiziku huma madankollu fin-natura taghhom, intizi biex jikkorrompu.**

**"It-tielet element huwa l-korruzzjoni tal-minuri. Hawn hekk il-Maino jghidilna (para 1476 fol 188) fejn jittratta l-element ta' *corruzione* jghid " *a questo proposito, la relazione ministeriale sul progetto del 1887, osserva che per determinare con maggior precisione e chiarezza la nozione del delitto in discorso, il legislatore lo fa consistere nel <u>corrompere effettivamente</u> una persona minore."* Dan l-element nissel diversi argumenti legali dwar kemm persuna ga` korrotta tistax titkompla f'din it-triq b'xi att maghmul minn haddiehor. Izda dan mhuwiex l-iskop ta' din is-Sentenza peress li din il-kwistjoni f'dan il-kaz ma tqumx. Fil-fatt huwa propju l-oppost fejn l-akkuzat**

**qieghed jilmenta illi fi kwalunkwe kaz, l-eta` tal-persuna kienet tant zghira illi ma kellhiex "*la capacita` di intendere e di volere*" u cioe` li ma kinitx qed tifhem dak illi kien qieghed jigri quddiemha u quindi ma setax ikun hemm il-korruzzjoni effettiva tal-persuna. Fuq dan l-argument il-Maino jghidilna fl-ahhar paragrafu tal-pagna 189 illi "** ***non e` poi necessario che la corruzione sia i<u>mmediata</u>: la tenera eta` della persona con qui furono compiuti gli atti di libidine non esclude il reato, se il ricordo di tali atti e` pur sempre idoneo all'effetto della corruzione."*** **Fuq dan jaqbel il-Professur Mamo fit-trattat tieghu Notes on Criminal Law li jghidilna "*for the substance of the crime it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed does not rule out the crime, if the remembrance of such acts is calculated to cause the defilement*." Ghalhekk hija kwistjoni ta' fatt illi ghandha titressaq quddiem il-gurija jekk l-ghemil zieni kien tali li seta' baqa' f'mohh il-minuri. Ghal dak li jirrigwardja l-element intenzjoniali ta' dan id-delitt jinghad mill-bidu nett illi l-ebda ntenzjoni specifika li tikkorrompi ma hi necessarja.**

**"Fil-fatt il-Mamo jghidilna (fol 204) "*As to the intentional element of the crime, no specific intent to defile is necessary. The defilement, whether intended or not must be considered as a necessary consequence of the lewd acts themselves, leaving it in every case to those who are to judge to determine whether they were calculated to defile. If the acts are inherently capable of this effect it is impossible to maintain that the agent who willed the act did not also will and intend the consequences inherent in their nature*." Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-Avukat Generali seta' nkluda r-raba' kap f'dan l-att ta' l-akkuza li naturalment, ghas-success tieghu, jiddependi mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoi fil-kwadru ta' dak espost dwar l-element materjali u ntenzjonali ta' dan ir-reat.**

**6.** L-appellant appella minn din is-sentenza u talab li tiġi revokata u li l-eċċezzjonijiet tiegħu jiġu milqugħa.

**7.** L-ewwel aggravju ta' l-appellant jirrigwarda d-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti li tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tiegħu. L-appellant jgħid:

"Ma hemmx għalfejn wieħed jespandi żżejjed biex jgħid illi l-akkuża ta' l-istupru neċessarjament tinkludi fiha bħala fatt materjali s-sekwestru tal-persuna. Kieku l-Avukat Ġenerali kien qiegħed jallega illi kien f'ċirkostanzi oħra, illi per eżempju illi hu qafel persuna kontra r-rieda tagħha f'xi post ieħor u mhux mal-istess fatti u ċirkostanzi li jaqsmu mal-ewwel kap, hemm jista' wieħed jipprospetta s-sekwestru tal-persuna. Pero` f'dan il-każ, x'inhuma ċ-ċirkostanzi differenti biex jikkrejaw reat ieħor?

"Eżempju bħal dan jista' jingħata fuq suġġett ieħor. Jekk wieħed ikun akkużat ta' serq li daħal fil-post aggravat bil-lok, imbagħad jiġi akkużat bi vjolazzjoni tal-proprjeta`. L-elementi tat-tieni reat huma l-istess fatti materjali illi huma inkorporati fl-ewwel akkuża.

"Għalhekk fl-eċċezzjoni tiegħu kien qal illi kieku kienu kapi alternattivi, wieħed jifhimhom imma mhux kif huma prospettati bħala kapi separati."

**8.** B'referenza għal dan l-ewwel aggravju, din il-Qorti tgħid fl-ewwel lok illi permezz ta' l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuża l-appellant ġie akkużat bir-reat ta' stupru filwaqt illi permezz tat-Tieni Kap bir-reat ta' sekwestru tal-persuna. Dawn huma reati li jistgħu jissussistu indipendentement minn xulxin iżda fil-każ odjern ir-reat ta' sekwestru tal-persuna seta' serva wkoll bħala mezz biex isir ir-reat ta' stupru. Dwar jekk kellhomx jiġu addebitati lill-appellant mill-Avukat Ġenerali f'żewġ Kapi separati, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Gatt** mogħtija minn din il-Qorti diversament komposta fit-22 ta' Mejju 2003 fejn, fuq eċċezzjoni li wieħed mill-Kapi fl-Att ta' Akkuża kien null għax kontradittorju għal Kap ieħor, intqal hekk:

**"Meta l-Kodici jitkellem dwar x'ghandu jkun fih l-Att ta' Akkuza – Artikolu 589 – hu evidenti li hawn il-legislatur qed jikkontempla Att ta' Akkuza li jkun fih akkuza ta' reat wiehed biss. In fatti l-paragrafu (c) tal-imsemmi Artikolu 589 jitkellem dwar 'il-fatt li jikkostitwixxi r-reat', u l-paragrafu (d) juza l-kliem '…l-imputat jigi akkuzat tar-reat kif migjub jew imfisser fil-ligi'[1]. Hija prassi inveterata fil-Qorti Kriminali li jekk fl-Att ta' Akkuza l-Avukat Generali jrid jakkuza lil persuna b'aktar minn reat wiehed, huwa jaqsam l-Att ta' Akkuza f'daqstant kapi daqs kemm ikun hemm reati li bihom ikun qed jakkuza, u dan irrispettivament minn jekk l-akkuzi jkunux konnessi o meno ma' xulxin fis-sens tal-Artikolu 592. Wiehed jista' jghid, u din il-Qorti qieghda f'dan is-sens tafferma, li kemm il-prassi kif ukoll il-gurisprudenza stabbilew li dik il-parti tal-Artikolu 593(1) tal-Kodici Kriminali li tghid li**

**"*'…l-att ta' l-akkuza ghandu jinqasam f'diversi kapi, u f'kull wiehed minnhom ghandha tithares id-disposizzjoni ta' l-artikolu 589'***

**"<u>tapplika mhux biss meta r-reati ma jkunux konnessi izda anke meta jkunu hekk konnessi</u>. Kieku ma kienx hekk, u kieku l-Avukat Generali jista' jakkuza lil persuna b'aktar minn reat wiehed minghajr ma jaqsam l-Att ta' Akkuza f'diversi kapi, mhux biss jista' l-akkuzat jigi pregudikat fid-difiza tieghu, izda jkun kwazi impossibbli li wiehed japplika sew l-Artikolu 467 tal-Kodici Kriminali li jitkellem dwar kif il-gurati ghandhom jaghtu l-verdett taghhom"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

**9.** Skond l-artikolu 592 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-reati huma konnessi -

**"(*ċ*) meta reat isir biex iservi ta' mezz għal reat ieħor;**

[1] Ara wkoll id-dicitura tal-proviso tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449 tal-Kodici Kriminali.

**"(*d*) meta reat isir biex jiffaċilita l-esekuzzjoni jew il-konsumazzjoni ta' reat ieħor, jew biex jiżgura lill-ħati l-impunità dwar reat ieħor."**

Konsegwentement, in vista ta' dak li l-appellant stess jissottometti fl-ewwel aggravju tiegħu, anke jekk ir-reati fl-ewwel zewġ Kapi ta' l-Att ta' Akkuża huma konnessi, l-Att ta' Akkuża ġie redatt skond il-liġi. Għalhekk l-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa miċħud.

**10.** It-tieni aggravju jirrigwarda t-tieni eċċezzjoni ta' l-appellant. Huwa jgħid:

"It-tieni eċċezzjoni kienet dwar att amoruż fil-preżenza ta' tifla ta' inqas minn tliet snin. L-ewwel Onorabbli Qorti semmiet il-Maino u n-nota tal-Profs. Sir Anthony Mamo.

"Il-punt illi jsemmi mill-Profs. Mamo fejn jgħid: *'if the remembrance of such acts is calculated to cost the defilement'*.

"Bir-rispett kollu, din kienet l-element l-aktar importanti għaliex mhux previst illi t-tifla ta' tliet snin illi kif tallega l-istess prosekuzzjoni kienet merfugħa 'l fuq qed tara xi atti li qegħdin effettivament isiru.

"Pero` l-kwistjoni importanti hija jekk hix se tiftakar għax persuna ta' tliet snin ċertament mhux se tiftakar fatti bħal dawn.

"Kieku wieħed kellu jestendi din l-interpretazzjoni kif tatha l-ewwel Onorabbli Qorti, bir-rispett kollu ħafna ġenituri jispiċċaw akkużati quddiem il-Qrati għaliex xi darba jew oħra t-tfal jidħlu fuqhom f'mumenti delikati."

**11.** Issa, b'referenza għal dak li qalet l-Ewwel Qorti meta kienet qed tispjega l-elementi tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni li l-vittma trid tkun inqas minn tmintax-il sena "mingħajr limitu ta' l-eta` żgħira kemm hi żgħira", irid jiġi ċċarat illi din id-dikjarazzjoni ta' l-Ewwel Qorti hi soġġetta għal dak li qalet l-istess Qorti dwar *"the remembrance of the lewd acts"*. Jiġifieri ma tissussistix il-korruzzjoni

rrispettivament mill-eta` tal-minorenni, għax minorenni tista' tant tkun żgħira li l-ġurati jistgħu jikkonkludu li jkun impossibbli għaliha li fil-futur tiftakar minn x'hiex tkun għaddiet.

**12.** F'**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmelo Spiteri** deciz fl-20 ta' Marzu 1989 (Vol. LXXIII.v.1064) intqal:

**"L-artikolu 203 tal-Kodici Kriminal taghna gie modellat fuq l-artikolu 335 tal-Kodici Taljan imsemmi i.e. ta' l-1889 u dan l-artikolu gie dejjem ikkunsidrat bhala li jirrikjedi fost affarijiet ohra li l-att ta' libidini jkun effettivament ikkorrompa lill-minuri. Il-Codice Rocco biddel is-sitwazzjoni fl-Italja billi minn *'delitto di danno'* ghamel dan id-delitt wiehed *'di pericolo'* kif jispjega l-Manzini meta jghid *'a differenza del Codice del 1889 non si esige per la consumazione che il colpevole abbia effettivamente cagionato la corruzione del minore'*".**

Iżda kif qal il-Prof. Sir Anthony Mamo (iċċitat ukoll mill-ewwel Qorti) ***"for the subsistence of the crime it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed does not rule out the crime, if the remembrance of such acts is calculated to cause the defilement***." Jiġifieri jrid ikun hemm il-kapaċita` li l-minorenni jiftakar l-atti. Il-Majno fil-fatt jikkwota[2] sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' Milan tat-30 ta' Lulju 1891 fejn intqal: **"La tenera eta` della persona con cui furono compiuti gli atti di libidine non esclude il reato, se il ricordo di tali atti e` pur sempre idoneo all'effetto della corruzione."** Naturalment, jekk fil-każ in eżami ġewx kommessi atti di libidine fil-presenza tal-minorenni, jekk il-minorenni kinitx konxja ta' dak li kien qiegħed allegatament isir u jekk allura t-tifkira ta' dawk l-atti huwiex ***"idoneo all'effetto della corruzione"*** (jekk, fi kliem l-appellant fit-tieni eċċezzjoni tiegħu, setgħux l-atti jħallu impressjoni fuq l-istess minuri) huma kwistjonijiet rimessi għad-deċiżjoni tal-ġurati. Għalhekk l-appellant ma

---

[2] Commento al Codice Penale Italiano, para/. 1476.

setax jippretendi li l-Qorti Kriminali kellha tagħmel, u issa li din il-Qorti għandha tagħmel, apprezzament tal-provi hi. Din la hi l-funzjoni ta' din il-Qorti u lanqas il-funzjoni tal-Qorti Kriminali fl-istadju ta' l-eċċezzjonijiet.

**13.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi, salv dak li ntqal fil-paragrafi 11 u 12, tiċħad l-appell u tordna li l-atti jigu minnufih rimessi lill-Qorti Kriminali sabiex dik il-Qorti tipproċedi ulterjorment fil-konfront ta' l-imsemmi Jason Mamo.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------